# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Drogi 27/00***

***Pulizija***
***Supt. Nicholas Ciappara***
***v***
***James Zammit Gauci***

Illum 4 ta' Frar 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Akkuzi
Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat James Zammit Gauci huma bazati fuq is-segwenti reati – *referibbilment ghall-24 ta' Ottubru 1997:*

1. **Pussess Illegali (semplici) tad-droga kokajina;**

2. **Traffikar tal-istess droga;**

3. **Assocjazzjoni ghal skop ta' Traffikar;**

4. **Recidivita'.**

***Kwadru tal-fatti***
Illi fil-25 ta' Ottubru 1997 il-pulizija ghamlet tficcija fir-residenza ta' persuna go San Giljan u hemm sabet ammont ta' sustanza bajda li mill-

perizija forensika rrizultat li kienet droga kokajina f' ammont nett totali ta' 4.022 grammi.

Illi waqt l-interrogatorju dan ir-ragel semma li d-droga kien xtraha minghand James Zammit Gauci li huwa l-imputat versu l-prezz ta' LM200. Huwa qal, *inter alia*, li d-droga kien xtraha minghand dan tal-ahhar darba biss. Dan kien ikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti

Illi fid-deposizjoni tieghu quddiem din il-Qorti dana spjega ulterjorment li huwa kien avvicina lill-imputat sabiex jakkwistalu d-droga. L-imputat inizjalment ma riedtx, izda wara li l-istess persuna damet tiffittah fl-ahhar akkwistalu l-ammont li l-pulizija kienet sabet ghandu.

Il-Qorti tosserva li fid-deposizjoni tieghu quddiem din il-Qorti dan ir-ragel ta' xejra differenti lill-versjoni tieghu u qal li ma kienx l-imputat li kkonsenjalu d-droga izda kienet persuna ohra li tefghathielu fuq il-mejda meta dana kien fir-residenza tal-imputat. Huwa qal li l-flus kien tahom lill-imputat.

***<u>L-Imputat</u>***

Illi minn naha tieghu l-imputat *a tempo vergine* cahad <u>kategorikament</u> li huwa qatt li beigh droga u baqa jichad b' mod <u>kontistenti</u> tul il-process kollu, anki fid-deposizjoni tieghu quddiem din il-Qorti.

***<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>***

Illi il-Qorti tosserva li f' dan il-kaz jesisti konflitt dirett bejn dak li konsistentement sostna l-imputat u l-versjoni, jew ahjar versjonijiet, tal-persuna fuq indikata u li hija l-prova-bazi tal-prosekuzzjoni; liema konflitt jiggenera dubbju ragjonevoli favur l-imputat.

Din il-konsiderazzjoni tkompli tissahhah bil-fatt li meta l-pulizija ghamlet tficcija fir-residenza tal-imputat <u>ma sabet ebda droga jew oggetti relatati mal-konsum jew abbuz taghha.</u> Fi kliem iehor, ghajr id-deposizjoni tax-xhud tal-prosekuzjoni, ma hemm ebda prova ohra li b' mod tista' tassocja lill-imputat mar-reati imputati lilu.

Inoltre, minn ezami tal-istqarrija tax-xhud u anki mill-fedina penali tieghu, jidher li l-grad ta' affidabilita' li l-Qorti tista' tghati lil din il-persuna huwa baxx hafna.

In vista tal-premessi konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li minhabba dubbju ragjonevoli, l-akkuzi dedotti kontra l-imputat ma jistghux jreggu.

***<u>Decide</u>***

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ma ssibx lill-imputat hati skond l-akkuzi u tilliberahom minnhom.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***

***Vera Kopja***

***Bruno Zahra***
***Deputat Registratur***